*7 ta' Frar, 2012*

24/2012

**L-ORDINAZZJONI EPISKOPALI TA' MONS. PROSPERO GRECH O.S.A**

INFORMAZZJONI GĦALL-MEMBRI TAL-ISTAMPA

Data: L-Erbgħa, 8 ta' Frar, 2012

Post: KonKatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta

Ħin: 6.00 p.m. (tibda l-Quddiesa)

Mons. Prospero Grech ser jasal il-KonKatidral ta' San Ġwann fil-5:40 p.m. minn Triq ir-Repubblika, eskortat mill-Pulizija.

Il-membri tal-istampa huma mitluba jkunu fil-KonKatidral ta' San Ġwann **sa mhux aktar tard mil-5:45 p.m.** L-istaff tal-Uffiċċju Komunikazzjoni ser jindika l-post riżervat għall-membri tal-istampa f'waħda min-navi fuq quddiem tal-KonKatidral, biswit il-Kappella tas-Sagrament, fejn ser ikun hemm platform għall-fotografi u l-vidjografi, u post għall-ġurnalisti. Il-membri tal-istampa huma mitluba jilbsu l-***Press Card*** f'kull ħin.

Il-ġurnalisti preżenti ser jingħataw kopja tal-ktieb tal-Quddiesa u lista bl-ismijiet ta' dawk li b'xi mod ser ikunu qed jagħtu sehem fil-Quddiesa.

Peress li l-Quddiesa ser tixxandar 'live' mhux ser ikun permess *roaming* fil-KonKatidral ħlif għal xi ħin matul l-omelija meta l-fotografi u l-vidjografi (min irid) ser jiġu akkumpanjati fil-gallarija tal-KonKatidral.

Il-Quddiesa mistennija ddum madwar sagħtejn u nofs. Fi tmiem il-Quddiesa, Mons. Prospero Grech O.S.A., Arċisqof Titulari ta' San Leone, ser jagħti l-ewwel kummenti tiegħu lill-membri tal-istampa fil-bieb tal-KonKatidral (fuq ġewwa).

Mons. Prospero Grech ser jiġi ordnat Isqof mill-Arċisqof Pawlu Cremona, u mhux minn Mons. Giuseppe Versaldi, kif ġie avżat qabel. Mons. Versaldi, Arċisqof u President tal-Prefettura tal-Affarijiet Ekonomiċi tas-Santa Sede u Kardinal Elett, u Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, ser ikunu il-ko-konsagranti f'din iċ-ċelebrazzjoni.